# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
# Numru 189 :: FRAR 2012

**Editur: Paul Vella**


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Kif tafu, il-laqgħat tagħna issa qed jerġgħu jibdew isiru kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar. Għalhekk, il-laqgħa li tmiss se tkun nhar il-**Ġimgħa, 24 ta' Frar, 2012** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

## TIEQA FUQ IT-TRIQ — *Rumanz ta' Clemente Zammit*




**Clemente Zammit għadu kemm ippubblika l-ewwel rumanz tiegħu bħala ktieb elettroniku *(eBook)* — wieħed mill-ewwel kotba fl-ilsien Malti li ġie ppublikat f'din il-forma.**

L-awtur ħadem bis-sħiħ biex jintroduċi l-Malti lill-miljuni ta' qarrejja madwar id-dinja li jużaw l-*iPad, il-Kindle*, is-*Sony Reader, Nook, Kobo* u għodda oħra simili bħala mezz ta' qari modern. Ma' dawn jiżdiedu dawk kollha, bosta akbar fl-għadd, li jużaw il-kompjuter. Dawn ta' l-aħħar jistgħu jakkwistaw kopja tal-ktieb fil-format *pdf* kif spjegat hawn taħt.

*Smashwords Inc* ta' *Los Gatos, Silicone Valley, USA* ipproduċew u qassmu l-ktieb lil distributuri oħra, fosthom:

*Apple iBook Store* (dawk li għandhom l-*iPad* u li jixtiequ jixtru l-ktieb għandhom ifittxuh b'ismu, "Tieqa fuq it-Triq", jew b'isem l-awtur, Clemente Zammit)

**Diesel eBook Store** (mur u ordna l-ktieb mill-*website* www.diesel-ebooks.com/item/SW00000115246/Zammit-Clemente-Tieqa-fuq-it-Triq/1.html)

**Smashwords** — http://www.smashwords.com/books/view/115246 (il-prezz ta' $1.99 mingħand dawn jinkludi l-forom kollha ta' kif ġie ppubblikat il-ktieb, inkluż il-format pdf li jippermetti l-qari tal-ktieb fuq il-kompjuter u li wieħed jekk irid jistampah).

Jinxtara mnejn jinxtara, il-ktieb iqum biss $1.99.

"Tieqa fuq it-Triq" jirrakonta ġrajja ta' mħabba bejn żewġ żgħażagħ f'Malta fis-snin sittin. Dawn li ġejja huma wħud mill-kummenti li waslu lill-awtur minn dawk li qraw il-ktieb:

- Nifraħlek minn qalbi tal-ktieb-e (ktieb elettroniku). Kisba mhux żgħira għalik personali u għall-ilsien għażiż tagħna.
- Il-ġrajja ġabitli lura ħafna tifkiriet ta' tfuliti.



Clemente Zammit

- Grazzi tal-ktieb. Għoġobni ħafna. Qrajtu f'jumejn. Fih plot tajjeb ħafna, Malti eċċellenti, sfond Malti għall-aħħar...
- *You truly are a man of many talents* [Int wieħed li tħaddan ħafna talenti].
- Għandi seba' mitt sena sa ma nispiċċa naqra l-ktieb.
- *Intriguing romantic story* [Ġrajja ta' ntriċċi romantiċi].
- Kemm ħadt gost naqra "Tieqa fuq it-Triq", li żammni sakemm qrajtu kollu.
- *A very colourful novel indeed* [Ġrajja mżewwqa tassew].
- Apprezzajt kemm l-istorja kif ukoll l-istil kif sawwartha.
- *The characters are described in a way that they come alive in the mind of the reader* [Il-karattri mibnija b'mod li jieħdu l-ħajja f'moħħ il-qarrej].
- Prosit! Ġrajja interessanti miktuba b'Malti tajjeb u sabiħ.
- Qallibt xi paġni għall-kurżita' u tidher li hi storja interessanti.
- *The little I've read so far is very impressive* [Dak li għadni qrajt s'issa mpressjonani].

***Nixtiequ naraw aktar membri jissieħbu magħna. Jekk kull membru jħajjar lil xi ħadd tal-familja jew xi ħbieb li għandhom għal qalbhom il-lingwa Maltija, b'hekk inkabbru n-numru tal-membri tal-Grupp tagħna.***

# MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Il-miżata għadha $10.

# 20 SENA MILL-MEWT TAL-POETA MALTI AWSTRALJAN BALDASS ARMATO

***(jikteb Laurie Armato)***



**Baldass Armato**

Il-Poeta Malti Awstraljan, Baldass Armato, twieled fit-13 ta' Ġunju, 1909, fin-Naxxar u trabba f'Birkirkara. Ġie l-Awstralja f'Novembru, 1954, u kellu s-sengħa ta' par-rukkier.

Huwa kellu ħafna intervisti ma' kittieba u xandara tar-radjijiet Maltin. Kien rebaħ il-Manoel De Vilhena Award.

Il-Fundatur tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, il-mibki u qatt minsi Dr Joe Abela, kien l-ewwel wieħed li ħajru biex jidħol fil-Grupp u jkompli jikteb.

Fost il-poeti ħbieb tiegħu kellu lill-Prof. Maurice Cauchi, Joe Saliba, Manwel Cassar, Manwel Nicholas-Borg, Manuel Casha u Tony Spiteri. Ħbieb oħrajn kienu John Borg, Vivian Kost, Pauline Curmi, Victor Aquilina u Charles Camilleri. Kien jikkorrespondi ħafna ma' Frank Zammit, Ġorġ Chetcuti u Rodrick Bovington minn NSW.

Baldass minn dejjem kien jikteb il-poeżiji. Kull sena kien jikteb Sunett għall-festa ta' Santa Liena. Kien iħobbhom ħafna s-sunetti. Anki hawn f'Melbourne kien jikteb sunett għall-festa tal-istess Qaddisa. Minn mindu miet, jien ukoll bdejt nikteb xi poeżiji għalkemm mhux tal-istess livell.

Mill-1982 sa 1992, Baldass ippubblika numru ta' kotba: "Werqtejn mis-Siġra tal-Muża" (1982), "Strofi ta' Mħabba" (1984), "Ġirja Lejn il-Bnazzi" (1986), "Mat-Tren tal-Ħsieb" (1989), "Ħsejjes fil-Moħħ" (1992). Baldass ħa sehem ukoll f'Antoloġiji: "Irjieħ", "Mill-Qalb tal-Poeta" u "Frott Ieħor".

## ***F'Għeluq l-20 sena mill-mewt ta' Baldass Armato***

### "GĦADNI NIFTAKREK, ĦI!"

Ma tantx niftakrek sew meta kont ċkejken
Għaliex fis-snin hemm differenza kbira.
Inti kont l-akbar wieħed fil-familja,
U jien kont l-iżgħar fost familja fqira.

Niftakar li kont il-parrinu tiegħi
Meta għamilt il-Griżma ta' sitt snin.
Kellek xelin fil-but, tajtuli kollu
Minn hemm mill-ewwel rajt kemm inti bnin.

Nixtieq li ninsa xħin kont fit-tbatija
Taħdem fuq tnax-il siegħa ta' kuljum
Mis-sebgħa ta' filgħodu sa fl-għaxija
U l-Ħadd filgħodu fl-erbgħa għax-xogħol tqum.

Irrid niftakrek xħin bdejt nikber miegħek
Bdejt nara u nammira l-kwalita`
Ta' bniedem veru għaqli b'qalb ħanina
Bdejt nara bniedem mimli bl-umilta`.

Niftakar x'gost ħassejt xħin waqaft taħdem
Ta' ħamsa u sittin sena irtirajt
Dlonk mort u xtrajt biljett sabiex issiefer
Li bl-akbar ġirja w ħerqa 'l Malta rajt.

Fl-aħħar kien wasal l-isbaħ żmien ta' ħajtek
X'ħin dħalt mal-Letteratura Maltija
F'dawk l-aħħar għaxar snin ħriġt ħames kotba
B'tagħlim u mħabba dawn kienu mimlija.

Inti twelidt poeta b'livell qawwi
Ma qatt ma kellek ħin fiż-żmien żgħożitek
Il-kitbiet tiegħek donnhom baqgħu f'moħħok
U ħriġthom kollha fl-aħħar ta' xjuħitek.

Sa l-aħħar snin ta' ħajtek bqajt tinsisti
U tfaħħar kemm lil Malta w l-Ilsien tagħha
Ma' din l-art ġdida, l-art li tagħtek benna
Flimkien ma' Malta dlonk għaqqattha magħha.

Għażiż ħija Baldass, għoxrin sen' ilu
Kien wasal l-aħħar ħin sabiex tħallina
Ma ninsa qatt għemilek umli tiegħek
U speċjalment lil qalbek tant ħanina.

***LAURIE ARMATO, Airport West***

# BELOVED CONVICT – *ktieb ġdid ta' Lou Drofenik*

Il-ktieb ġdid ta' Lou Drofenik *"Beloved Convict"* se jiġi mniedi waqt laqgħa tal-Għaqda Storika Maltija, fiċ-Ċentru ta' Malti, it-Tlieta, 21 ta' Frar, fis-7.00 pm.

Fl-istess ħin, il-ħabib tagħna f'Malta, Patrick Sammut, tal-Għaqda Poeti Maltin, qalilna li tella' intervista li huwa għamel ma' Lou Drofenik. Issibuha f'dan is-sit: http://patrickjsammut.blogspot.com/2012/01/cast-long-shadow-2011-is-lou-drofeniks.html


State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**